# Che Musica ... Maestro?

*Jikteb Dun Anton Mallia Borg*

## B'tifkira lil Mro. Filipppo Ciappara (1888-1960)



Bħala wieħed mill-ftit qraba tiegħu li għadhom ħajjin, nixtieq infakkar lil dan il-bniedem, wara aktar minn nofs seklu ta' mewtu. Aktar mill-mużika li ndaqqet fi żmienu mill-Banda Duke of Connaught, nixtieq infakkar il-mużika kollha miktuba minnu bħal Preludji Mużikali u Marċi Sinfoniċi. Mużika oħra ġiet traskritta inkella kkupjata minnu, u li niftakru sewwa jiktibha għal sigħat sħaħ id-dar tiegħu. B'xorti din tinsab merfuha fl-Arkivju tas-Soċjeta' Filarmonika, wara li ġiet irregalata minnu f'ħajtu stess. Għandi d-dikjarazzjoni ffirmata minnu, datata 26 ta' Lulju 1948, identika ma' dik imħollija fir-records tal-Każin, fi żmien li s-Sur Paul Xuereb kien Segretarju tal-Banda.

**Min kien Filippo Ciappara.**

Għandi bosta tagħrif dwaru mgħoddi lili minn Mro. Carmelo Brincat eks-Surmast ta' l-istess Banda u minn sorsi oħra Kanadiżi. Filippino kif magħruf fiċ-ċertifikat tal-Magħmudija, imwieled Birkirkara minn Ġużeppi u Carmela Vassallo, fis-27 ta' Ottubru 1888, sa minn ċkunitu ħabb il-mużika u ddedika bosta snin minn ħajtu għaliha. Hu kien l-alliev tas-Surmast Pawlu Debono u miegħu tgħallem is-Sax Horn. Fl-1905 daħal bandist fir-R.M.A. li kienet taħt it-tmexxija ta' Mro. George Handren. Fis-sena 1912, wara ż-żwieġ tiegħu ma' Katerina Borg, hu emigra lejn il-Kanada. Fl-1915 huwa ngaġġa fil-125th *Overseas Battalion tal-Canadian Expeditionary Force* għal servizz

fuq il-front tal-Punent. F'April 1918, hu mar Franza ma' l-istakkament tiegħu għal servizz ma' l-*8th Battalion Royal Winnipeg Rifles*, magħruf bħala the *Little Black Devil*. Dan il-battaljun tant iddistingwa ruħu fil-ġlied qalil li fih kien imdaħħal ir-riġment tiegħu, kienet, li billi l-bandisti ftit li xejn kienu jkunu kombattenti, kien aktarx assenjat lilhom ix-xogħol ta' streacher bearers u dawk li jagħtu l-ewwel għajnuna lill-midruba li bosta minnhom raw tmiem ħajjithom fil-preżenza tiegħu. Fi tmiem il-gwerra, hu rritorna Malta wara li nħall mis-servizz militari.

Lura Malta, Filippo kellu ċans idoqq ma' diversi baned Maltin, fosthom il-King's Own taħt it-tmexxija ta' Mro. Donchic. Intalab ukoll idoqq mal-Banda Duke of Connaught li dak iż-żmien kienet immexxija mis-Surmast Vincenzo Costa. F'dan l-intervall kellu ċ-ċans jipprofondi ruħu fl-armonija għand Mro. Carlo Diacono meta kien idoqq it-trumbun 'cantabile'. Kien ukoll jidderieġi l-Banda Sliema. Kien assistent tas-Surmast Ċensu Costa u sew sew wara mewtu, Filippo inħatar is-suċċessur tiegħu. Dan kien fl-intervall meta l-festi ta' barra f'Birkirkara, minħabba ċerti raġunijiet, kienu sospiżi. Iżda taħt it-tmexxija tiegħu, l-Banda li tant kienet għal qalbu daqqet kemm f'postijiet oħra barra Birkirkara, kif ukoll hawn, iżda mhux fil-festa titulari, li bdiet issir regolarment wara l-1950. Għalkemm jien ma kontx bandist, niftakar meta l-Banda kienet tieħu sehem fil-festi tal-Karnival. Lil Filippo kont issibu l-każin kull filgħaxija u kien jgħaddi bosta sigħat f'kunċerti u tagħlim. Ma semmejt xejn dwar it-tagħlim ta' l-allievi, li mill-bandisti ta' llum ftit nistħajjel li għadhom ħajjin. Hu kellu bħala assistent lil Carmelo Briffa li aktar tard laħaq surmast ta' banda oħra barra Birkirkara.

Meta kellu jirtira mill-kariga ta' Surmast, il-banda li għaliha tant irsista biex tissokta żżomm il-prestiġju tagħha, baqgħet f'qalbu. Filippo kien bniedem reliġjuż u umli u rrassenja ruħu ma' din iċ-ċaħda tat-tmexxija tal-Banda. Il-popolarita` ma telgħetx għal rasu. L-aqwa li mit-talenti li kellu, seta' joffri s-servizzi tiegħu lill-Banda li tant kien iħobb. Filippo miet fid-19 ta' Frar 1960.

Kien ġest tassew sabiħ u mistħoqq u li jien tant apprezzajt, li snin wara, il-Kumitat iddeċieda li jpoġġi x-xbiha tiegħu fis-sala ewlenija tal-Każin, ritratt li ġie riprodott minn ritratt meta l-Banda kienet marret iddoqq barra minn Malta. Naqbel li jitfakkru dawk kollha li tant ħadmu bi spirtu filantropiku u b'mod disinteressat, għamlu ħilithom biex ikattru l-kultura fost il-poplu. Tħoss ċertu diżappunt meta ma tkunx taf tagħrif imqar elementari, fuq persunaġġi ta' art twelidek, li għamlu ħilithom biex iżommu għoli l-prestiġju tal-post jew istituzzjoni, u dan meta għamluh b'suffraġju u dedikazzjoni! Ejjew inħajru lil min jikteb dwarhom b'eżempju għall-oħrajn!